**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 15 t'Ottubru 2024**

Rikors Numru: 152/24 AL

A B

vs

C D B

(M.R. Numru 1848/1984)

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-kontendenti konjugi kkontrattaw iz-zwieg taghhom fid-29 ta' Settembru tas-sena 1984 gewwa Malta.

2. Illi l-imsemmija konjugi kienu nfirdu minn xulxin b' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat minn-Nutar Dottor John Gambin fis-6 ta' Awwissu 2020 (Dokument TC) biex b'hekk gie sodisfatt dak depost

fl-Artikolu 66B (b) tal-Kapitolu 16 tal- Ligijiet ta' Malta. Ghal kull buon fini qieghed ukoll jigi ddikjarat illi l-partijiet ilhom jghixu mhux flimkien mis-6 ta' Marzu tas-sena 2020, ukoll kif gie ddikjarat minnhom fil-paragrafu numru erbgha (4) tal-imsemmi kuntratt;

3. Illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti, biex b'hekk gie sodisfatt dak depost fl-Artikolu 66B (c) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.
4. Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 huma sodisfatti;
5. Illi in oltre kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni tal-partijiet, hawn anness (Artikolu 22 tal-istess kuntratt), ir-rikorrenti kienet iddikjarat illi hija kienet ser izomm kunjomha mizzewgha "B". Illi r-rikorrenti trid issa illi mall-hall taz-zwieg taghha hija tirriverti ghal kunjom ta' meta twieldet u cioe, "E".
6. Illi kif jirrizulta mill-imsemmi kuntratt ta' separazzjoni, il-konjugi kienu fis- separazzjoni taghhom irregolaw, inter alia, l-obbligi tal-hlas tal-manteniment billi kienu rrinunzjaw reciprokament mid-drittijiet rispettivi taghhom illi jitolbu l-manteniment minghand xulxin (Artikolu 4 tal-istess kuntratt) u ma hemm 1- ebda manteniment dovut ghal ulied il-kontendenti stante illi dawn huma maggorrenni;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikoli tal-Kodici Civili 66D u 62 tal-Kodici Civili, tawtorizza lir-rikorrenti tirreverti ghal kunjom ta' meta twieldet cioe, "E"; u
2. tenur tad-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16, u previa s smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 ukoll sabiex jigi stabbilit illi l-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 668 gew sodisfatti, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Artikolu 66C u tordna lir-Registratur tal-Qrati,

sabiex fi zmien indikat fl- Artikolu 66A(4) tal-istess Kapitolu, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat ir-risposta tal-intimat li permezz taghha espona:

Illi l-esponenti mhuwiex qed jopponi ghat-talba tar-rikorrenti sabiex jigi ppronunzjat il-ħall taż-żwieg ta' bejn il-partijiet, ikkuntrattat fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Settembru tas-sena elf disgha mija u erbgha u tmenin, u jaqbel illi jikkonkorru l-kondizzjonijiet mehtiega ghall-ksib ta' divorzju ai termini tal-artikolu 66B tal-Kapitolu sittax (16) tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi l-esponenti ma ghandux oggezzjoni ghat-talba tar-rikorrenti sabiex hija tirriverti ghal kunjom ta' meta twieldet, cioe` "E";

Illi ciononostante l-esponenti ma ghandux ibati l-ispejjeż in konnessjoni ma' dawn il-proceduri, li ghandhom jigu sopportati esklussivament mir-rikorrenti martu;

Illi l-esponenti qieghed jipprezenta l-affidavit tieghu, li qieghed jigi hawn annessw, esebit u mmarkat bhala Dok.' A'.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tal-4 t'April 2024;

Rat ir-risposta tal-intimat.

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimat;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa r-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-6 ta' Awwissu, 2020;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Il-Qorti rat it-talba tar-rikorrenti sabiex tirreverti għall-kunjom tagħha ta' xebba ossija "E". Il-Qorti tilqa' din it-talba u tordna lid-Direttur tar-Registru biex jieħu l-provvedimenti kollha f'dan ir-rigward;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tawtorizza lir-rikorrenti sabiex tirriverti ghal kunjom xbubitha u cioe' "Tabone", tidderiġi lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jieħu l-provvedimenti meħtiega f'dan ir-rigward, tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.